MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 123/2007

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Eric Soler**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi in forza ta` liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta` tlett mija u erbgha liri Maltin u tlieta u tlettin centezmu (Lm304.33) rapprezentanti bilanc ta` prezz ghal servizzi rezi mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma` mobile phone number 99207113.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghal istess talba.

Sema` lil konvenut stess fis-seduta li bil-gurament tieghu huwa ammetta u kkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici fil-fatt kien realment dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta` l-istess konvenut jilqa` t-talba attrici u kkonsegwentement jikkundanna lil konvenut Eric Soler sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta` tlett mija u erbgha liri Maltin u tlieta u tlettin centezmu (Lm304.33) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u l-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------